# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tal-Hamis 14 ta' Dicembru 2023**

**Rikors Numru : 206/2018 JPG**

**Kawza Numru : 30**

**SC**

**vs**

**EE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datat 30 ta' Lulju 2018 a fol 1 et seq li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti izzewgu nhar id-disgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (29.07.2011) (ara Dok A); u ghandhom zewgt ulied minuri, ME li twieldet f'X u MRE li twieled f'Y (ara Dok B u Dok C rispettivament).;*

2. *Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba adulterju, abbuz, vjolenza, eccessi, minaccji sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fi-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-Ligi bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;*

3. *Illi l-konvenut huwa bniedem kontrolluz u vjolenti emozzjonalment, fizikament*

*u finanzjarjament fil-konfront tal-esponenti, liema agir gie kommess fil-presenza tal-minuri u kien anke fizikament abbuziv maz-zewg ulied minuri b'mod partikolari l-minuri ME tant illi gew involuti kemm il-pulizija u anke ic-Child Protection Services mill-Agenzija Appogg;*

4. *Illi ghalhekk hija giet kemm – il darba kostretta titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tirrisjedu f'post sigur ghaliha u ghall-minuri; filwaqt li pprocediet billi intavolat ittra ta' medjazzjoni;*

5. *Illi in oltre peress li sal-lum il-gurnata l-konvenut baqa' jinsisti li ma jridx jasal ghal ftehim bonarju u lanqas ikkopera dwar dak kollu li jaspetta l-minuri hija giet debitament awtorizzati sabiex tipprocedi f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorbabbli Qorti datat 28 ta' Gunju 2018 (Dok D);*

6. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghar-rgaunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom adulterju, vjolenza, theddid, ingurji gravi, sevizzi, u minacci li r-rendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli tant li l-esponenti kellha titlob l-ghajnuna tal-pulizija u anke tmur tirrisjedi gewwa xelter ghas-sigurta taghha u tal-minuri;*

2. *Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ME u MRE f'idejn l-esponenti; u sabiex tiehu kwalunkwe decisjonijiet relatati mal-hrug tal-passaporti, mas-safar, mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Tordna li l-imsemmija minuri jirrisjedu esklussivament mal-esponenti;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-attrici u ghall-minuri tal-partijiet u jibqa hekk pagabbli*

*sakemm l-imsemmija minuri jaghlqu l-eta ta' tmintax (18)- il sena jekk jiefqu mill-iskola u jibdew jahdmu bi qliegh jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddecidu li jibqghu jistudjaw kemm part-time kif ukoll full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol, jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi l-konvenut u jigu depozitati f' kont bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;*

5. *Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha ta'sahha u edukazzjoni tal-minuri sakemm ikunu ghadhom qed jistudjaw inkluz u mhux limitatament uniformijiet transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjes ohra relatati mal-edukazzjoni, inkluz spejjes relatati ma attivitajiet extra-kurrikulari;*

6. *Taghti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri ME u MRE fosthom izda mhux limitament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar u l-hrug tal-passaport tal-minuri b'dan illi l-passaport ghandu jinzammu mill-esponenti kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet familjari u edukattiv ohra u extra-kurrikulari u dan taht kull provediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorbabli Qorti;*

7. *Tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kodici Civili u tal-Kap 581 tal- Ligijiet ta' Malta a favur l-esponenti u jekk din l-Onorabbli Qorti thoss il-htiega din l-Ordni tigi estiza a favur l-ulied tal-partijiet u l-membri tal-familja tal-esponenti;*

8. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

9. *Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u /jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha jew kwalunkw kreditu iehor, u dana fi zmien qasir u*

*perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;*

10. *Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum hin u post stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

11. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

12. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex izomm kunjom xbubitha u cjoe C;*

13. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datata 24 ta' Dicembru 2018 a fol 22 tal-atti li taqra hekk:

1. *Illi t-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet kontendenti mhix imputabbli unikament lill-konvenut izda hija imputabbli lill-attrici u dan minhabba li ma gabitx l-interess tal-familja qabel interessi ohra;*

2. *Illi mhux minnu li l-esponenti huwa bniedem kontrolluz u vjolenti emozzjalment fizikament u finanzjarjament fil-konfront tal-esponenti ghax sal-lum il-gurnata l-attrici minn jghedda ghada tqatta hin twil mal-konvenut iktar u aktar tqatta anke hin intimu mal-istess konvenut kif se jigi pruvat fil-mori tal-kawza.*

3. *Illi l-konvenut dejjem ra kif ghamel biex jahdem u jistinka ghall-familja u dejjem ra li l-istess attrici ma jonqosha xejn, dejjem gab l-interess tat-tfal fuq quddiem u l-istess tfal, ghalkemm qed isir minn kollox biex jigu mqarrba mill-missier dejjem isaqsu ghall-konvenut u sahansitra jibku u jirrabjaw li mhux*

*qed jaraw lill-missierhom;*

4. *Illi l-esponenti jaghraf il fatt li certu mizuri ta' dixxiplina fuq il-minuri mhumiex accettati illum il-gurnata u dan l-istess missier jafu u tghallem li wiehed jista' jiddixxiplina lill-minuri b'mezzi ohra izda huwa fatt li wiehed ma jistax ihalli lill-minuri jaghmlu li jridu ghax il-problemi fil-futur ikunu ferm akbar;*

5. *Illi mhux vera li l-epsonenti kien b'xi mod kontrolluz fejn jidhlu flus u dan ghall-fatt li meta kellu impjieg fiss dejjem haseb ghal kull bzonn li l-attrici u l-minuri kellhom u dan ghadu jaghmlu sal-gurnata tal-llum.*

6. *Illi l-attrici dejjem tuza lill-esponenti ghall-iskopijiet taghha izda wara tiftah proceduri kontra l-istess konvenut u l-istess attrici sal-gurnata tal-llum ghada tuza l-esponenti u ittih it-tama li z-zwieg taghhom jista' jirranga.*

7. *Illi mhux minnu li l-esponenti ma jridx jirranga din il-kwistjoni b'mod bonarju izda kull meta kien se jasal ghal ftehim l-attrici dejjem taghtu tama li dan iz-zwieg jista' jitranga u ghalhekk dejjem prova jaghmel minn kollox biex dan isehh.*

8. *Illi l-esponenti ghadu sal-gurnata tal-llum jipprova jghin kif jista' u dan ghall-fatt li minhabba li ma ghandhux karta tal-identita qed tkun ferm difficli li jsib imjieg biex ikun jista' jonora l-obbligi tieghu ta' missier fejn jidhol manteniment dovut lill-minuri;*

9. *Illi l-esponenti m'ghandux problema li tigi pronuzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet izda mhux ghar-ragunijiet espressi mill-attrici;*

10. *Illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata kunguntament bejn il-partijiet;*

11. *Illi ma hemmx problema li l-minuri jirrisjedu mal-omm b'access ampju lejn il-missier;*

12. *Illi l-manteniment versu l-minuri ghandu jkun jirrifletti l-mezz tal-esponenti li wiehed ghandu jaghraf li minhabba il-pozizzjoni tieghu dwar residenza qieghed isib diffikulta biex ikun jista jahdem gewwa Malta.*

13. *Tilqa' t-talba ghax-xoljiment u tillikwida l-komunjoni tal-akwisti ezistenti bejn il-kontendneti u taqsama f'zewg porzjonijiet ugwali u jitnaqqsu dawk l-ispejjes li huma parafernali.*

14. *Ma tilqax it-talbiet l-ohra kollha kif mitluba mill-intimat.*

Rta id-dokumenti in atti;

Semghat ix-xhieda;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta' Awwissu 2023, fejn talbet sabiex fil-bidu tad-disa' talba tar-rikors guramentata jizdiedu l-kliem:

> *"Tawtorizza lill esponenti sabiex fil-bidu tad-disa' talba tar-rikors guramentat taghha jizdiedu wkoll il-kliem:*
>
> *"Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi; filwaqt li…"*

Rat ir-rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza datat 24 ta' Ottubru 2023, tal-intimat.

Rat illi l-intimat ma kellu l-ebda oggezzjoni ghall-korrezzjoni kif mitluba mill-attrici;

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2023, din il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici u ordnat illi l-korrezzjoni ssir rifless fl-atti tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***Sarah Micallef, haddiema socjali fi dan it-Taqsima tal-Vjolenza Domestika fi hdan l-Agenzija Appogg, xehdet nhar il-11 ta' Jannar 2019 (vide fol 29 et seq)*** u spjegat illi l-attrici kellha l-ewwel kuntatt maghhom fis-sena 2014, u kienet giet ghall-ghajnuna minhabba vjolenza domestika li kienet tallega qieghda ssir da parti ta' zewgha. Matul is-snin huma baqghu joffru support, u filfatt l-attrici dejjem zammet kuntatt regolari maghhom. Kienet spjegatilhom illi zewgha jezercita kontroll fuqha u kienet issoffri minn abbuz emozzjonali u anke fiziku. Kien hemm drabi fejn zewgha kien qabadha minn ghonqha waqt xi argument. Dawna l-incidenti kienu jsiru anke fil-prezenza tal-minuri. Kienet spjegat illi hemm ukoll abbuz finanzjarju, u li meta zewgha kien isiefer kien ikollha tghaddi bi ftit flus u filfatt meta eventwalment telqet mid-dar matrimonjali kellha bzonn tahrig sabiex titghallem tamministra l-flus. Ix-xhud tindika ukoll illi l-attrici kienet anke semmiet episodju minnhom fejn l-intimat kien refa' jdejh fuq it-tifla, meta kienet ghadha ta' eta tenera.

Ix-xhud tirrakonta episodju iehor meta darba minnhom kien is-sajf, l-intimat kien mar id-dar f'hin li ma kienx mistenni waqt li suppost kien qieghed ix-xoghol biex jikkontrolla lill-attrici, u sab lit-tifla tilghab go tank tal-ilma u malli ra lit-tifla, irabbja hafna, qabad lit-tifla b'mod li l-attrici ddeskriviet bhala aggressiv, qaleb it-tank tal-ilma quddiem it-tifla. It-tifla twerwret u kienet baqghet issemmi dana l-episodju hafna wara. Izid illi l-attrici kienet tghidilha illi l-intimat kien jikkontrollha anke t-tip ta' *toys* li kienet tuza' mat-tfal. Tul is-snin li ilhom jahdmu mal-attrici, ix-xhud tispjega illi kien hemm erba' okkazzjonijiet differenti fejn l-attrici qatghet perjodi gewwa *shelters*, fosthom Dar Merhba Bik, u Dar Qalb ta' Gesu. L-ewwel darba li dahlet f'shelter kien f' Mejju tas-sena 2015, imbaghad f' Gunju tas-sena 2017. Illi kull darba l-attrici kienet tghidilhom illi zewgha kien qieghed jaghmel pressjoni fuqha sabiex tirritorna lura d-dar u kien anke jinvolvi familjari sabiex jikkonvincuha. Illi eventwalment kienet iccedi ghal din il-pressjoni. L-ahhar li dahlet is-*shelter* kien f' Marzu tas-sena 2018, u din id-darba l-attrici kienet aktar deciza u kienet irrealizzat li s-sitwazzjoni ma kienitx ser tinbidel u kienet hadet decisjoni li ttemm iz-zwieg taghha.

Ix-xhud tikkonferma illi zewgha kien inghata *Treatment Order,* u minkejja li kien segwa zewg programmi, l-affarijiet xorta kienu baqghu l-istess. L-attrici giet bdiet tircievi ghajnuna psikologika, u qieghda tircievi l-ghajnuna minghand *psychologist* b'mod regolari, u li nghata wkoll liz-zewg minuri, peress li ghaddew minn trawma konsiderevoli tul dawn l-ahhar snin li hallew impatt negattiv fuqhom.

***Shamik Sheth, haddiema socjali fi hdan ic-Child Protection Services Team fi hdan l-Appogg, xehedet nhar il-11 ta' Jannar 2019 (vide fol 35 et seq)*** u spjegat illi huma kienu rcevew *referral* mill-Agenzija Appogg stess, fejn gew infurmati li t-tfal tal-attrici kienu f'riskju ta' vjolenza domestika. Ix-xhud kienet giet allokata dan il-kaz, biex isir *assessment* tas-sitwazzjoni fid-dar. Tixhed illi hi bdiet isegwi l-kas fl-14 ta' Novembru 2017. Ix-xhud tirrileva illi l-ewwel kienet tkellmet mat-tifla ME l-iskola, u kienet infurmathom illi kienu qieghdin jirrisjedu f'*shelter* izda wara xi gimghatejn kienu marru lura d-dar, pero' t-tifla kienet qaltilha illi kienet esposta ghal vjolenza domestika mill-intimat fuq ommha u li kienet gieli rathom jargumentaw, u li l-intimat kien jimbottha lill-attrici, jghajjat hafna u kien fizikament abbuziv fil-konfront tat-tifla, billi kien jaghtiha bil-*wooden spoon* fuq gisimha. It-tifla spjegat illi din kienet tigri frekwentament. Eventwalment kienu tkellmu mal-partijiet b'mod separat, u it-tnejn kienu qalulhom li s-sitwazzjoni kienet emeljorat. L-intimat kien qalilhom li qieghed jattendi *Managing Abusive Behaviour course*. Illi xorta wahda kienu saru vizti gewwa d-dar; mal-ewwel vizta kienu indunaw li t-tifel kien gie influwenzat minn dak li ra fil-passat anke ghaliex beda juri certu aggressivita' lejn ohtu u ommu, sahansitra anke mar ghal ohtu b' *kitchen utensil* meta rrabja waqt li kienu qieghdin jilghabu flimkien. F'dana l-istadju l-minuri MRE kellu madwar tliet snin.

Illi waqt it-tieni vizta, malli waslu fir-residenza tal-partijiet kienu sabu il-bieb miftuh pero' ma kien hemm hadd. Kienu cemplu lill-attrici u din kienet qaltilhom li gejja lura, pero' rawa stramba kif din harget u halliet il-bieb miftuh. Kienet qaltilhom li ma kelliex cavetta ghaliex kienet tilfitha. L-attrici kienet infurmathom illi minkejja li kienu ftehmu illi l-intimat kien ser jibda jaghtiha xi flus, dan baqa ma sarx u xorta baqghet titkarrab mieghu biex jaghtiha l-flus. L-attrici gharfithom b'episodju iehor fejn l-intimat kien sawwatha u anke uriethom ritratti ta' idejha. Il-vizta ta' wara kienu nzertaw lill-intimat id-dar izda ma xtaqx ikellimhom. Dakinhar it-tifla kienet ippuntat lejn *wooden spoon* imkissra u kienet qaltilhom illi dik il-*wooden spoon* li juza' missierha u kienet qaltilhom li din ghadha tigri. L-intimat ammetta maghhom li kien ta

daqqa bil-*wooden spoon*. L-ahhar vizita kienet f'Marzu tas-sena 2018, u s-sitwazzjoni kienet baqghet l-istess. Meta l-attrici u t-tfal dahlu s-*shelter*, il-kaz kien inghalaq minn naha taghhom. Ix-xhud tikkonferma illi minn meta l-attrici dahlet fis-*shelter* kien hemm kuntatt bejn il-missier u l-minuri minghajr supervizjoni.

.

***Bernardette Briffa, social worker fi hdan Dar Merhba Bik, xehdet nhar il-11 ta' Jannar 2019 (vide fol 45 et seq)*** u rrilevat illi l-attrici kienet residenti fid-dar Merhba Bik tliet darbiet, l-ewwel darba f' Mejju tas-sena 2015, u kien damet hamsa u ghoxrin gurnata, it-tieni darba dahlet f' Gunju ta-sena 2017 u ghamlet sal- 15 ta' Settembru 2017, u minn hemm marret Dar Qalb ta' Gesu. It-tielet darba kienet mit-28 ta' Marzu sat-3 ta' Settembru 2018 u kienet damet sitt xhur. Ix-xhud tispjega illi kien gie indikat lilhom illi kien hemm abbuz fuq livell fiziku u emozzjonali u anke finanzjarju. Illi fit-tielet soggorn, l-attrici kienet spjegatilhom illi kienet inkwetata peress li kienet qieghda tara certu komportament li kien tipiku tal-missier fil-minuri, anke fit-tifla. Minn naha taghhom huma kienu jaraw illi effettivament l-agir tat-tfal kien xi ftit jew wisq il-frott ta' dak li jaraw id-dar. Ix-xhud tispjega illi kull darba li l-attrici kienet is-*shelter*, l-intimat kien jigi wara l-bieb u kien hemm episodji fejn kellhom igibu l-Pulizija. Issemmi episodju minnhom fejn l-attrici kienet il-bandli bit-tfal ma' ohtha, l-intimat kien induna bihom, u kien hataf lill-minuri, darba minnhom beda jsegwiha bil-karozza u beda jhabbat mal-hgiega biex ikellmuh. Ix-xhud izzid illi l-attrici kienet qaltilhom li l-intimat kien qieghed jheddidha ghaliex kellu xi videos waqt mumenti intimi taghhom, u li kien lest li idawwarhom fuq il-media socjali. Illi dan kollu gie rappurtat lil Vice Squad.

Fir-rigward it-tfal, ix-xhud tirrileva illi l-minuri huma tfal daqsxejn difficli u hyper-active, u mhux facli ghall-attrici trabbihom wahedha, pero' dejjem pruvat u anke kienet tipprova taljenahom b'forom ta' *entertainment* differenti. Fir-rigward access, huma kienu sostnew l-importanza li jkollha access formali, u huma ma kienux jaqblu illi l-missier gej u sejjer bit-tfal.

***Josette Stensen, head of home Dar qalb ta' Gesu, xehdet nhar il-11 ta' Jannar 2019 (vide fol 51 et seq)*** spjegat illi l-attrici giet l-ewwel darba fis-sena 2017 u regghet dahlet ghandhom f'Settembru tas-sena 2018. Din id-darba l-attrici dehret aktar determinata li tiehu s-support mehtieg. Izzid illi kienu inkwetati ghaliex deher bic-car illi l-minuri raw hafna vjolenza fizika u verbali u filfatt kienu jaghmlu hafna *tantrums* u ghalhekk kellhom bzonn it-terapija biex jibdew jikkomunikaw b'mod aktar san bejniethom, ma' tfal ohra minhabba certu aggressjoni li kienu juru u anke mal-omm. It-tfal gieli spjegawlhom illi kien hemm mumenti fejn il-missier

qabad lit-tifla minn ghonqha, pero’ t-tfal xorta urew ix-xewqa li jaraw lil missierhom. It-tifla pero’ kienet issemmi li ghandha biza’ mill-missier u ma xtaqietx li tmur lura d-dar. L-attrici inghatat terapija, b’attendenza regolari, u anke qieghda titharreg fuq *budgeting skills*. Ix-xhud tikkonferma illi l-missier qieghed jara lill-minuri minghajr supervizjoni pero minn naha taghhom huma qed jezigu illi l-access ikun *monitored.*

***L-attrici xehdet permezz ta’ affidavit (vide fol 65 et seq)*** u spjegat illi hi u l-intimat iltaqghu meta hi kellha sittax (16)- il sena, u cioe fis-sena 2009. Tixhed illi kienu damu madwar sena gharrajjes u tirrileva illi ma kienux jiggieldu wisq, pero’ meta kienu jiggieldu generalment dan kien ikun minhabba l-mod kif kienet tilbes, u l-intimat kien jispicca jaghmel xi hamest ijiem ma jkellimhix. Tishaq illi l-intimat ma riedx li jibqghu gharajjes, u kien qalilha li jekk mhux ser jizzewgu kien ser ihassar. L-attrici tixhed illi ghalkemm hi ma xtaqitx li tizzewweg ghaliex kienet ghadha zghira hafna, ma xtaqitx li jitlaqha ghaliex kienet thobbu. Hi kienet accettat bil-kunsens ta’ huha. L-attrici spjegat illi darba minnhom kienet semghatu jitkellem ma’ ragel Gharbi iehor fejn kien qallu li kien baqa jinsisti li jizzewgu peress li kienet ser tiskadilu l-visa.

Sussegwentement huma kienu zzewgu bir-rit Musulman fil-21 ta’ Novembru 2010, u rregistraw iz-zwieg taghhom fid-29 ta’ Lulju 2011. Fil-bidu taz-zwieg, l-attrici spjegat illi hi kienet baqghet tghix ghand ommha, u kienet tmur l-iskola l-*Higher Secondary*, filwaqt li l-intimat kien jirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali. Il-ftehim bejniethom kien li jibqghu jghixu hekk sakemm spiccat is-sena skolastika. Illi fis-Sajf tas-sena 2011 hija marret tghix mal-intimat f’Santa Venera.

Tispjega illi kien ikollhom argumenti fuq kemm kienet iddum fuq it-*telephone* ma’ ohtha, u dan minkejja li kienet iccempilha minghajr hlas.  Infatti kien qabad u qaccat it-telefon apparti li kien jahbilha c-cwievet tad-dar.  L-intimat ma kienx ikun irrid lil hu l-attrici z-zghir u lil ohtha Sabrina jmorru ghandhom. Illi wara ftit harget tqila bl-ewwel wild, ME,  kienet ddecidiet li tieqaf mill-istudji taghha u dana minkejja li l-intimat kien hheggiha biex tibqa’ tistudja. F’dan iz-zmien, l-argumenti kienu rigward id-decisjoni unilaterali tal-intimat li jibda jahdem bit-trakkijiet u jsiefer fuq xoghol ghal tul ta’ zmien. Illi filfatt ghamel sentejn isiefer il-Libja u l-Italja.

Tirrakonta episojdu meta kellha tmien (8) xhur tqala fejn l-intimat kien hareg jixrob u xi l-4:00 ta’ filghodu, qabdet u hadet hwejjigha ghand ommha. Wara ftit l-intimat mar ghand ommha, u

beda jdoqq il-horn. Hi baqghet gewwa, u ommha bdiet tipprova tifthila mohha fuq il-keded li kien qieghed jaghtiha, izda hi ma xtaqitx li t-tifla titrabba minghajr missier. L-intimat kien dejjem igib skuzi differenti, pero qatt ma kien jgharrafha b'xejn. Filfatt mhux l-ewwel darba li kien johodha ghand ohtha, u hu jmur jixrob kull darba li jkollhom argument. Izzid illi kien ihalliha wahidha meta kien ikollha xi visita l-isptar u meta kienet turih li hi kienet dispjacuta bl-assenza tieghu, kien jghidilha thallih kwiet.

Tixhed illi l-intimat qatt ma kien itiha flus u kien hu li kien jikkontrolla flushom, tant li x-xirja u l-affarijiet ta' kuljum kien jixtrihom hu. Lanqas ma kien ihallilha l-flus meta hu kien ikun imsiefer fuq xoghol. Tishaq illi kellha ukoll dubju dwar l-fedelta' tal-intimat lejha, u li lilha qatt ma halliha titghallem il-karozza lanqas ma *instructor* mara, meta ghalih kien ghamel arrangamenti ma' *instructor* mara. Meta kienet tqila bit-tieni wild, kien sabitlu zewg nisa Taljani friends fuq facebook u meta staqsitu minn huma, qabad jargumenta maghha, qaleb l-ikel minn fuq il-mejda u beda jghajjat kemm jiflah. Kif kienu fil-kamra tieghu, qabad cintorin u beda jaghtih bih kemm jiflah u dak il-hin hi bdiet titfa' idejha fuq zaqqha biex tipprotegi lit-tarbija. Hekk kif waqaf, tixhed illi beda jiskuza ruhhu u dak il-lejl insista li jkollhom rapport intimi. Tispjega illi l-intimat kien isakkar kamartu biex la hi u lanqas it-tfal ma kienu jidhlu fiha.

Tispjega illi spiccat f'kuntatt mal-Appogg wara li kienet ghamlet kuntatt ma' ghalliema taghha, peress li l-intimat kemm il-darba kien jghidilha li ser jiehu lit-tifla l-Libja minghajrha. Hi kienet tibza meta kien jghidilha dan id-diskors. Illi minn hemm kienet tkellmet mal-avukat taghha u anke mas-*social worker*, f'April tas-sena 2014, kien gie prezentata Mandat sabiex il-minuri ma jkunux jistghu jinhargu mill-pajjiz. Illi maz-zmien l-intimat beda jsir aktar agressiv, kemm maghha u kif ukoll ma' uliedhom, tant illi bdew anke isegwuhom tac-*Child Protection Services.*

Nhar is- 7 ta' Mejju 2014, kien l-ewwel darba li hebb ghaliha, u dana wara li t-tifla kienet waqghet il-halib fuq is-sodda. L-intimat wara li ta lit-tifla b'kuccarina fuq idejha, hebb ghall-attrici, u nfexx jaghtiha b'idejh f'wiccha u dan kollu fil-presenza tat-tifla. L-attrici dakinhar qabdet lit-tfal u telqet, marret l-ghassa u anke l-*healthcentr*e, u lura l-ghassa b'certifikat mediku. L-intimat kienet eventwalment tressaq quddiem il-Magistrat Anthony Vella, u fit-13 ta' Mejju 2015, kien inhareg Ordni ta' Trattament, u l-intimat kellu jattendi ghal programm ta' A*nger Management*. Illi okkazzjoni ohra kienet meta l-minuri biex jilghabu kienu sakkru lill-

intimat fix-xaft tal-bitha, u dahal jghajjat mal-minuri u kien anke ha jhebb ghaliha. Kif hi dahhlet twaqqfu, dar fuqha, u qabadha minn ghonqha fil-presenza tal-minuri. Dakinhar flghaxija hi kienet marret l-ghassa u ghamlet rapport. Minn dakinhar l-affarijiet komplew jiggravaw, l-argumenti bdew jizdiedu. F'Mejju tas-sena 2015, wara argument minhabba c-cittadinanza tal-intimat, tant ma felhitx iktar li l-attrici cemplet lis-social worker taghha u qaltilha li xtaqet tidhol f"*shelter* u kienet marret Dar Merhba Bik fejn ghamlet madwar xahar. Illi f'dan l-istadju kienet fethet medjazzjoni bl-ghan li jilhqu ftehim, u wara li kien segwa l-ommha is-*shelter*, u x-xenata li kien ghamel fejn is-*shelter*, kellha tnehhih minn *blocked* u accettat li jerga jara lill-minuri.

Illi l-intimat beda jweghda hafna affarijiet, u hi ma kienitx tista' tidra tghix fis-*shelter*. Illi filfatt kienet anke waqfet il-proceduri ta' separazzjoni, u anke cediet l-akkuzi fil-kaz tat-tifla kontra l-intimat. Minkejja li l-intimat kien spicca l-program, din id-darba l-argumenti kienu relatati mal-flus, u mal-fatt li l-intimat baqa' ma jaghtihix flus. Mat-tfal xorta wahda kien baqa isawwathom bil-*wooden spoon* biex jikkoregihom. Fi Frar tas-sena 2017, tal-*Community Chest Fund* kienu provdewlhom *cooker,* u *washing machine* godda.

L-attrici tixhed illi eventwalment, l-intimat beda jinsisti maghha illi ma titlax fil-karozza tieghu u meta kienet tigbidlu l-attenzjoni li huwa kien jaghti kunfidenza zejda lil nisa ohra, kien jghajjarha mignuna, u ghamel storbju shih, tant li wasal biex qalilha li ghandhom jghixu hajja separata. Illi fiflatt l-attrici tispjega illi kienet sabet messaggi minghand nisa ohra u kienet anke marret tkellimhom. Illi minn dakinhar 'l hawn, l-attrici bdiet tinnota illi l-intimat beda jixtri hwejjeg godda, u anke jdum barra iktar minn qabel. Tirrileva illi tant l-intimat ma kienx affidabbli li kienu spiccaw bil-Pulizija wara l-bieb, ghaliex kien hallha lit-tfal wahedhom meta hi kien minghaliha li kien qieghed maghhom.

Sussgewentement f Gunju tas-sena 2017, regghet dahlet Dar Merhba Bik, u regghet fethet proceduri ta' separazzjoni. Kien inghata digriet *pendente lite* fejn l-intimat kien gie ordnat ihallas EUR 500 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewgt itfal u l-intimat inghata access taht supervizjoni. Illi f'dan iz-zmien l-intimat beda jheddidha illi ser juri filmat intimu taghhom fuq il-midja socjali. Illi fuq parir tal-*head of home*, kienet tkellmet mal-pulizija, izda qatt ma gara xejn. L-intimat minkejja li kien qalilha li hasru, xorta wahda baqa' jheddidha bih u **kien anke rega baghtulha**. F' Settembru 2017, l-attrici mxiet minn Dar Merhba Bik ghal Dar Qalb ta' Gesu, u l-intimat kien baqa jippersisti u jitlobha biex tmur lura d-dar u filfatt hekk ghamlet lejn

l-ahhar ta' Novembru 2017. Illi ghalkemm kienet marret ghall-intervista mad-Dipartiment tac-Cittadinanza f' Jannar tas-sena 2018, l-applikazzjoni tal-intimat kienet giet rifjutata, u minn hemm rega' beda l-abbuz. Illi fil-vaganzi tal-Ghid regghhet dahlet l-*home*.

Illi f'dan l-istadju l-attegjament tat-tifla beda jimita dak ta' missierhom, u tirrileva illi kienet qieghda taghtiha hafna kedded.

L-attrici tishaq illi hi talbet li tinghata l-kura u l-kustodja eklussiva tal-minuri, ghaliex apparti l-fatt li kienet dejjem hi li hadet hsieb lill-minuri, il-minuri ukoll kienu vitmi ta' vjolenza da parti ta' missierhom. Infatti l-intimat kompla juza lill-minuri biex jikkontrolla lill-attrici. Izzid illi hi m'ghandha l-ebda oggezzjoni lil-minuri ikollhom access mal-intimat biss talbet li jsir *assessment* sabiex jigi stabbilit jekk dan ikunx ta' gid ghall-minuri. Fir-rigward manteniment, l-attrici tirribadixxi illi l-intimat dejjem hallihom neqsin mill-flus tant li gieli kellha toqghod bil-guh hi biex ikolha bizzejjed biex titma lill-minuri. Illi minkejja li l-intimat gie ordnat ihallas EUR 500, kien qieghed jaghtiha biss EUR 300 fix-xahar. Tishaq illi b' EUR 300, mhix tlahhaq mal-ispejjes specjalment la tigi biex tikri residenza. Izid illi hi ghandha dritt titlob ukoll ghall-manteniment ghaliha.

Fir-rigward id-dar matrimonjali, l-attrici tispjega illi din hija post tal-kiri u li fil-prezent qieghed jghix fih l-intimat. Tixhed illi fir-rigward kontijiet bankjarji, ma tafx jekk l-intimat kellux kontijiet bankarju f'ismu u jekk hemm xi vetturi, hija ghandha tinghata sehma minnhom.

***Anna Borg Bartolo, psikologa, xehdet nhar it-13 ta'Frar 2019, (vide fol 86 et seq)*** u spjegat illi ilha tahdem mal-attrici tul dawn l-ahhar tliet snin. Tirrileva illi hija bdiet taraha fit-22 ta' Awwissu 2016 u ghadha taraha s'issa. Ir-referral kien gie mis-sezzjoni tal-Vjolenza Domestika, u kien hemm anke ic-Child Protection Services involuti. Ix-xhud xehdet illi l-attrici qieghda tesebixxi sinjali li hija subit vjolenza psikologika ta' manipulazzjoni u ta' kontroll u dan minkejja li ma kienitx titkellem b'mod apert fuq dak li ghaddiet minnu. Kienet tispjegalha lix-xhud illi fiz-zwieg taghha kien hemm kontroll finanzjarju, tant li lanqas ma kien ikollha ikel biex taghti lit-tfal qabel ma jigi lura ir-ragel mix-xoghol, ghaliex kien hu li jaghmel ix-xirja u lanqas kellha cavetta tad-dar taghha. Izzid illi t-tifla turi attegjament ta' vjolenza u rabja lejn l-omm, sinjali li t-tifla rat komportament li mhux xieraq. Ix-xhud tirrileva illi l-attrici kienet tghidilha illi lanqas ma kienu jorqdu fl-istess kamra, b'dana illi l-attrici kienet torqod mat-tfal u zewgha kien jorqod fil-kamra wahdu. Ix-xhud sostniet illi meta iltaqghet mal-attrici,

l-attrici kienet ghadha qisha tifla zghira psikologikament, meta tul is-snin kibret, u tghalmet tiehu decisjonijiet. Illi kull darba li kienet titlaq mid-dar, zewgha kien jaghmel minn kollox biex l-attrici terga tirritorna lura d-dar anke permezz ta' gesti kbar.

Izzid illi mat-tfal, il-missier jidher is-sabih u mhux l-omm, ghaliex kienet l-omm li tiddixxiplinahom.

In ***kontro-ezami,*** ix-xhud tikkonferma illi hi titkellem mal-attrici, u anke gieli kellha *sessions* mal-minuri. Illi sar ukoll *referrals* biex it-tfal jigu segwiti minn *counsellors.* Tikkonferma ukoll illi t-tifla tkun tixtieq hafna li tkun mal-missier u li minn naha tad-Direttorat jixtiequ li l-missier ikollu kuntatt taht supervizjoni. Ix-xhud tishaq illi l-attrici lilha tghidlha kollox, b'kull ma taghmel, u li relazzjonijiet ta' dawn it-tip huma bhal *addiction,* u dejjem ikun hemm dik l-attrazzjoni u li ghalkemm tghidilha kollox, tisthi tghidilha certu affarijiet, ghaliex taf li meta taqa' ghal xi haga li mhix tajba ghaliha, ikun hemm certu sens ta' misthija. Mistoqsija jekk l-attrici qattx spjegatilha id-differenza bejn zwieg civili u dak li jsir fil-Moskea, ix-xhud twiegeb fin-negattiv.

***Charmaine Psaila Raji in rapprezentanza tal-APS Bank plc xehdet nhar l- 10 ta' Lulju 2019 (vide fol 122 et seq)*** u spjegat illi ma rrizulta xejn f'isem il-partijiet.

***Stephen Baldacchino in rapprezentanza tal- BNF Bank (vide fol 122 et seq) xehed nhar l-10 ta' Lulju 2019*** u spjega illi ma rrizulta xejn f'isem il-partijiet.

***Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta (vide fol 125 et seq) xehed nhar l - 10 ta' Lulju 2019*** u spjega illi ma rrizultaw l-ebda vetturi fuq isem l-attrici la fil-passat u lanqas fil-prezent, mentri fuq il-konvenut instabu sensiela ta' vetturi kif jirrizulta mid-dokumenti EET1, u EET2.

***Mari Demanuela in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta (vide fol 126 et seq) xehdet nhar l-10 ta' Lulju 2019***, u esebit erba' dokumenti li gew imarkati minn Dok ESC1 sa Dok ESC4.

***Kay Gauci, haddiema socjali, xehdet nhar is- 7 ta' Ottubru 2019 (vide fol 279 et seq)*** u spjegat illi hija haddiema socjali fis-*shelter* fejn jirrisjedu l-attrici u l-minuri, u li issa ilha taf lill-attrici u lill-minuri mis-sena 2017, meta kienu dahlu fis-*shelter* l-ewwel darba. Tishaq illi ghall-attrici

il-valur tal-familja huwa xi haga importanti hafna u ghalhekk l-attrici kienet hafret lill-zewgha repetutament. Sena wara u cioe f'Settembru tas-sena 2018, regghu marru fis-*shelter*. Tispjega illi hi jkollha *one-on-one sessions* mal-attrici u anke mat-tfal. Waqt dawn is-*sessions* kemm l-omm u anke t-tfal zvelaw informazzjoni dwar l-abbuz li kien issir.

Tixhed illi l-attrici spjegat illi kienet tissubixxi abbuz fiziku ghal semplici nuqqas ta' obidjenza ta' xi ordni tal-intimat ghalhekk kien isawwatha fizikament regolarment. Semmiet ukoll abbuz finanzjarju fejn hi ma kienx ikollha flus f'idejha, b'dana illi l-flus dejjem kienu ikunu f'idejn zewgha tant li lanqas setghet tmur tixtri l-affarijiet bazici. L-attrici ddeskrivit ukoll abbuz emozzjonali, fejn l-intimat kien jghidilha li hi mhi tajba ghal xejn, li hi tifla bhat-tfal, li mhux kapaci bhala omm. Illi ghadha sal lum il-gurnata tiddubita l-kapacita taghha bhala omm, u dan id-diskors huwa ripetut mit-tfal. Da parti tal-minuri specjalment fil-bidu kien hemm agir aggressiv, fejn kienu isawwtu lil ommhom u anke lil xulxin. Illi id-diskors tal-minuri huwa vjolenti u mzewwaq bid-dagha. Illi wara bdew jinghataw terapija, illum l-imgieba taghhom tjiebet u sar progress anki l-iskola. Illi gie nnutat kambjament ikbar fit-tifla.

Izzid illi l-attrici hija bilghaqal hafna u tqassam il-flus b'mod tajjeb hafna. Tirrileva illi l-intimat mhuwiex jghaddi l-manteniment shih kif ordnat u filfatt qieghed jghaddi biss EUR 300 minn EUR 500 kif ordnat. Illi in-nuqqas ta' konsistenza da parti tal-intimat fejn jidhlu weghdiet li ser icempel lill-minuri u ma jcempilix, jew li ma jattendix ghal SAVs, qieghda tohloq konfuzjoni kbira fil-minuri, specjalment fit-tifla.

In ***kontro-ezami***, ix-xhud tikkonferma illi hi qatt ma kelmet lill-intimat u rigward telefonati, ix-xhud tirrileva illi huwa l-intimat li jiddeciedi meta jcempel lill-minuri.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar id-19 ta' Novembru 2019, (vide fol 3 et seq)*** u spjega illi l-intimat ma ha l-ebda benefficcji mid-Dipartiment, filwaq li l-attrici, ilha tiehu beneficcji mis-sena 2012 sal-gurnata tal-lum, u esebixxa document, dok ST1 li jindika dan kollu. Jispjega illi fil-prezent qieghed jitnaqsilha xi haga mill-ammont tas-*social assistance* li percepiet peress li l-attrici qieghda tircievi manteniment, pero tiehu c-*childrens allowance* fl-intier tieghu.

***Miriam Sultana, in rapprezentanza tal Malta Stock Exchange xehdet nhar id-19 ta' Novembru 2019 (vide fol 8)***, u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet fuq isem il-partijiet.

***Joseph Saliba in rapprezentanza tal- JobsPlus, xehed nhar id-19 ta' Novembru 2019 (vide fol 11 et seq)*** u esebixxa *employment history* tal-intimat, pero rrizulta illi l-intimat qatt ma rregistra ghax-xoghol, u fil-prezent qieghed registrat bhala *self-employed*. L-intimat huwa indikat fis-sistema taghhom bhala *asylum seeker*. Dwar l-attrici, ix-xhud prezenta ukoll l-*employment history* taghha li hija vojta, ghaliex skond ir-*records* taghha qatt ma hadmet, u rrizulta ukoll illi qatt ma rregistrat ghax-xoghol.

***Dr Alexia Aquilina in rapprezentaza tar-Registratur tal-Qrati Civili xehdet nhar l-22 ta' Novembru 2019, (vide fol 42 et seq)*** u esebiet dokument li jindikaw il-kawzi u l-proceduri gudizzjarji li hemm fil-konfront tal-intimat u kif ukoll il-mandati.

***Joseph Debono in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi xehed nhar it-22 ta' Novembru 2019 (vide fol 44 et seq)*** u spjega illi ghamel return ghal bazi 18YA19, u sussewgentment ma gie dikjarat l-ebda dhul, u t-*tax statement* huwa *zero*. Jikkonferma illi l-intimat qatt ma ddikjara xejn; il-*first return required* skont it-taxxa hija dik YA19, allavolja kien ilu mizzewweg mis-sena 2011.

***Saviour Theuma in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xehed nhar it-22 ta' Novembru 2022, (vide fol 47 et seq***) u spjega illi kien hemm xi *over payments* minn naha tad-Dipartiment. Meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien, intalbu jiddikjaraw l-*income* taghhom u dana peress li c-*children's allowance* hija *income based* u l-ammont li gie indikat ma kienx soddisfacjenti ghall-ammont ta' nies fil-familja. Illi kienu ukoll indunaw illi mal-*Inland Revenue* qatt ma inghataw *profit and loss accounts,* ghajr karta miktub bl-idejn. Illi peress li kienu qieghdin jithalsu bil-*full rate,* il-koppja giet mitlub tirrifondi amount u gabuhom jiehdu l-minimum rate. Illi l-ammont kien EUR 1451.91. Ix-xhud jikkonferma illi huma kienu tkelmu mar-ragel. Illi kien hemm ukoll overpayment fl-ammont ta' EUR 181, meta kienet qieghda tiehu *r-relief*. Illi dan gie mitlub peress li kienet qaltilhom illi qieghda tiehu l-manteniment.

***Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed nhar it-3 ta' Dicembru 2019, (vide fol 53 et seq)*** u spjega illi d-dokument SC1 li jindika il-vetturi li ghadhom registrati fuq isem l-intimat, illi ghal kull vettura hemm indikat ukoll id-dettalji rispettivi u anke l-*insurance.*

***Emilie Abela in rapprezentanza ta' Melita Limited xehdet nhar it-3 ta' Dicembru 2019 (vide fol 56 et seq)*** u spjegat illi mir-ricerka li saret ma nstab xejn fuq l-attrici.

***Charmaine Zammit in rapprezentanza ta' Vodafone Malta xehdet nhar it-3 ta' Dicembru 2019 (fol 58 et seq)*** , u spjegat illi hemm zewg kuntratti fuq l-attrici, wiehed fuq *mobile* li qabel kien *prepaid* imbaghad inqaleb ghall-kuntratt. Hemm ukoll kuntratt li jinkludi *home internet* u *home telephone* li sar fis- 6 ta' April 2018 fl-indirizz 130, Dar Merhba Bik, Birbal Street Balzan. Illi l-*mobile* huwa ukoll registrat fuq l-istess indirizz. Ix-xhud tikkonferma illi l-kontijiet huma kollha mhallsin.

***JennyLynn Zammit in rapprezentanza tal-Malta Community Chest Fund xehdet nhar it-3 ta' Dicembru 2019 (vide fol 62 et seq)*** u spjegat illi huma kienu taw lill-partijiet *washing machine,* u *oven gas cooker,* liema kienu thallsu minnhom. Huma kienu raw illi l-kaz tal-attrici kien kaz serju ta' domestic violence. Meta kienu ghamlu *home-visit,* kienet dawwrithom ftit mad-dar, u kienu raw illi kien hemm hafna bzonnijiet nieqsin u filfatt kienu tawha xi *food vouchers*. Spjegat illi bejn Jannar 2017 u Lulju 2018 tawha EUR 2,565 *f'food vouchers.*

***Ri-prodotta nhar l-14 ta' Jannar 2020, Charmaine Zammit in rapprezentanza ta' Vodafone Malta (vide fol 147 et seq)*** prezentat dokument CZX1.

***Ri-prodotta nhar l-14 ta' Jannar 2020, Emilie Abela in rapprezentanza ta' Melita Ltd*** prezentat dokument EAX1 u EAX2.

***Joyce Agius, Deputat Registratur Qrati Kriminal, xehdet nhar it-18 ta' Frar 2020 u esebit verbal datat 25 ta' Novembru 2015,*** quddiem il-Mag A. G. Vella fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Edriss Gumma Faraj Ebderi flimkien ma kopja tac-*charge* sahhet li kienet mahruga fil-konfront tal-istess imputat.

***PC Bernard Briffa, stazzjonat l-ghassa tal-Hamrun xehed nhar it-18 ta' Frar 2020*** u prezenta 20 rapport, u l-fedina penali, u kif ukoll *charges* li nhargu fil-konfront tal-intimat.

***Dr Nadia Vella in rapprezentanza tal-Mapfre plc xehdet nhar it-18 ta' Frar 2020 (vide fol 162 et seq)*** u spjegat illi maghhom l-intimat ghandu biss poloz ta'assigurazzjoni relatati ma' vetturi. Il-vettur bin-numru ta' registrazzjoni BPP 823, kienet assigurata maghhom, fis-sena

2013, pero' ma kinitx f'isem il-konvenut izda f'isem terzi. Il-vettura bin-numru ta registrazzjoni GBP 085, kienet assigurata maghhom minn Mejju 2019 sa Frar 2020. Il-vettura BCI 081, kienet ukoll assigurata maghhom ghal ftit zmien. Instabu ukoll vetturi ohra f'isem il-konvenut li kienu assigurati maghhom, FBL 764, BCA 586 u IBG 205. Izid illi mhiex f'pozizzjoni li taghti valur ghaliex kollha kienu assigurati fuq bazi *third party*.

***L-intimat, xehed in subizzjoni nhar is- 26 ta' Ottubru 2020, (vide fol 308 et seq)*** u spjega illi huwa qieghed jirrisjedi Santa Venera, Block 28, Flat 2 Triq il-Fawwara u ilu joqghod hemm ghoxrin sena f'din ir-residenza li hija mikrija. Jixhed illi l-kirja hija fl-ammont ta' kwazi EUR 320 u kull sena tizdied b' hames ewro. Illi bhalissa qieghed ihallas EUR 355 u jhallas il-kont tad-dawl u l-ilma ghalih. Jirrileva illi huwa jahdem fil-bini, u jahdem skond ma jtuh il-kumpanija, daqqa ilma, daqqa dawl. Jikkonferma illi huwa registrat bhala self-employed u ghandu introjtu ta' bejn EUR 1500-1700 fx-xahar. Izid illi huwa ghandu familja l-Libya u jibghatilhom il-flus.

**L-attrici ri-prodotta nhar is-17 ta' Frar 2021 (vide fol 324A et seq),** spjegat illi ghalkemm hija qieghda tiehu lill-minuri ghall-access mal-missier kif ordnat, ta' spiss qed ikun hemm kunflitti bejn il-missier u t-tifel, tant li kellha tiehu lill-minuri aktar minn erba' darbiet il-YPU. Tixhed illi kienu qieghdin icemplulha biex tmur ghall-minuri peress li missier u l-minuri kienu qieghdin jiggieldu jekk dizgwidi ohrajn meta l-missier ikun irrid jitlaq qabel il-hin stipulat. Illi dawn l-emozjonijiet kien imbaghad johroghom mal-attrici jew fuq il-persuna tal-attrici. Tispjega illi l-minuri kien jigi u jghid maghha illi missieru ma jhobbux ghaliex il-missier jaghzel li jqatta' aktar hin mat-tifla, jew li kien qieghed jintqal certu diskors mill-missier li ghalih it-tifla hija bizzejjed u li t-tifel jekk irrid jista' ma jigix. Illi t-tifel minhabba dan kollu kien qieghed ukoll ikun involut f'hafna glied l-iskola u l-ghalliema innutaw kambjament fil-minuri. Illi fiflatt kien hemm drabi fejn kienet qieghda tieghu biss lit-tifla ghall-access. Tirrileva illi hi tkelmet mal-haddiema socjali tal-Savs u anke mal-missier u kien hemm qbil illi jekk it-tifel ma jridx imur, ma jmurx.

L-attrici tishaq illi f'rapport minnhom hemm indikat illi waqt SAV, l-intimat kkorega lit-tifel billi tah daqtejn, is-*supervisors* tal-access intervenjew u l-intimat dar fuqhom u qalilhom biex ma jindahlux. Izzid illi kien hemm ukoll perjodu fejn lanqas it-tifla ma riedet tattendi, u kienet irrimarkat illi lanqas ma' tal-SAVs ma kienu siguri, ghaliex huha xorta kien qala daqqa, u bdiet tinkwieta li issa missierha ser jirrabja maghha minhabba l-virus li kellu t-tablet taghha. Illi dan

kollu wassal ghal sensiela ta' theddid da parti tal-intimat, u li ser johdilha lit-tifla, bis-sewwa jew bid-dnewwa. Fir-rigward l-YPU, l-attrici spjegat illi l-imgieba tat-tifel tant kienet qieghda tiehu xejra vjolenti, inklus diskorsu: "ntajjrek bil-karozza", "ntik daqqa ta' sikkina", u li "jekk narah barra fit-triq ser naghmilu xi haga".

Izzid illi kien hemm drabi ukoll fejn l-intimat kien qieghed imur taht il-gallarija jghajjat lit-tifla biex tohrog tkellmu u kien anke ghamel hbieb ma' wiehed mill-girien taghha u kien joqghod id-dar ta' dan il-gar.

In ***kontro-ezami***, l-attrici tikkonferma illi f' Jannar hi iltaqghet mal-intimat flimkien mal-minuri, u marru l-Mellieha fejn hadu xi haga x'jieklu flimkien pero' dan l-inkontru kien fil-maggior parti tieghu jirrigwarda l-manteniment u dana peress li l-intimat kien heddiha illi jekk ma tiltaqghax mieghu, ma jghaddix il-manteniment. Tikkonferma ukoll illi fl-istess gurnata, wara marru d-dar taghha, u qatghu xi hin bhala familja u anke hadu xi ritratti flimkien. L-attrici pero' tishaq illi dan kollu hija taghmlu biex jaghtiha l-manteniment.

Mistoqsija l-attrici tinnega illi kienet uzat il-virus tat-tablet tat-tifla u l-biza li t-tifla kellha minn missierha biex tiddixxiplina lit-tifla.

Fir-rigward l-kwistjoni tal-access, l-attrici tikkonferma ukoll illi f'wiehed mill-*voice messages* li baghtilha l-intimat huwa kien qalilha illi ser jaghmilha rapport l-ghassa jekk ma tohodhomx ghall-access. Konfrontata bil-fatt illi x'hin l-intimat qalilha dan id-diskors hija marret taghmel rapport rigward theddid li kien sar mill-intimat gimghatejn qabel, l-attrici tinsisti illi t-theddid kien sar fl-istess gurnata izda ma marritx l-ghassa taghmel rapport, ghaliex kien bil-lejl, minkejja dan kienet cemplet l-ghassa u l-ufficjali li kellimha qalilha biex tmur l-erbgha. Tikkonferma illi l-ewwel kien sar ir-rapport tal-intimat, u sussegwentement ghamlet ir-rapport taghha.

***L-intimat xehed bil-mezz tal-affidavit (vide fol 349 et seq)*** u spjega illi hu kien iltaqgha mal-attrici gewwa *grocery shop*, f'Santa Venera fis-sena 2011. Illi fil-bidu kienu jiltaqghu fil-presenza ta' ohtha Rose, izda wara ftit bdew jiltaqghu wahedhom l-Belt, u wara ftit kienet anke tmur id-dar tieghu. Wara ftit kien proponielha u kienu zzewwgu fl-24 ta' Gunju tas-sena 2011, bi ritwal Musulman fil-Moskea f'Rahal Gdid. Illi sussegwentement kienu zzewgu bic-civil fid-29 ta' Lulju 2011. Illi fil-bidu ommha kienet oggezzjonat izda wara ftit kienet accettat. Fil-5

ta' Lulju tas-sena 2012, twieldet it-tifla ME, u fid-19 ta' Frar tas-sena 2014, twieled it-tifel MRE.

Il-problemi bdew meta l-mara ta' kuginuh imliet ras l-attrici b'allegazzjonijiet inveritieri kontrih fis-sens li wara li jikseb passaport Malti, kien ser ikecci lill-attrici mid-dar u jgib mara mill-Libya. Illi wara dan ir-relazzjoni taghhom bdiet tiddeterjora u kull meta kien ikollhom xi jghidu, l-attrici kienet issemmi dak kollu li qaltilha l-mara ta' kuginuh. Illi l-istorja bdiet dejjem teskala sakemm darba minnhom wara li rritorna lura d-dar mix-xoghol, ma sab lil hadd. Illi wara erbat ijiem kien sar jaf li l-attrici u l-minuri kienu qieghdin Dar Merhba Bik. Illi wara li l-attrici ghamlet seba' xhur f'dan is-*shelter*, irritornat lura d-dar izda wara madwar xahar, rega kellhom xi jghidu u sahansitra l-attrici aggreditu b' mod fiziku. Illi wara dan l-episodju l-attrici regghet marret Dar Merhba Bik u minn hemmhekk fethet il-proceduri ghas-separazzjoni. Izid illi martu kienet talbitu elf ewro sabiex ikun jista' jgedded il-permezz ta' residenza. Jispjega illi hu ma kellux dik is-somma u ghalhekk kien issellef EUR 300, u l-mara tieghu kienet accettat li taghmilu l-permess ta' residenza b' EUR 400. Illi pero l-permess ta' residenza ma hariglux.

Jishaq illi mat-tfal minn dejjem kellu relazzjoni pozittiva u anke issa ghad ghandu rapport tajjeb hafna maghhom minkejja l-proceduri pendenti li hemm bejnu u martu. Izid illi l-biza fit-tifla, huwa biss rizultat tal-fatt li l-attrici kienet tuza lilu biex tbezza u twissi lit-tifla.

***L-intimat xehed nhar il-21 ta' Lulju 2021 (vide fol 361 et seq)*** u spjega illi meta iltaqgha mal-attrici hi kellha sittax (16) – il sena u hu kellu tletin (30) sena. Jixhed illi l-attrici dejjem kienet thalli f'idejh u li d-decisjonijiet kien johodhom hu u jikkonferma illi ma kienx jikkonsulta mal-attrici qabel jiehu certu decisjonijiet, imma martu kienet mohha mistrieh mieghu. Jishaq illi l-problemi bdew meta kuginuh laqqahom ma' martu, ghaliex kienet imlietilha mohha b'hafna allegazzjonijiet kontrih. Izda l-attrici baqghet isemmi l-affarijiet kollha li qaltilha din il-mara, fosthom li kif igib passaport Malti ha jkecciha u jgib mara Libjana. Jixhed illi darba biss refa' jdejh fuq martu u kien ta daqqa fuq idejha, u dan wara li martu offendiet lil ommu. Izid illi meta kienu jiggieldu hu kien jaqbad u jitlaq. Jirrakonta illi darba minnhom kien mar id-dar ghall-gharrieda, u kien sab id-dar maqluba, hwejjgu fil-bitha, u kien induna illi martu kienet hadet hwejjigha, u wara xi erbat ijiem sar jaf li kienet qieghda dar Merhba Bik.

Rigward flus jispjega illi l-attrici kienet tghidlu x'ghandha bzonn, u kien jaghtih l-flus. Jikkonferma illi kien hu li kien imur jixtri peress li martu ma ssuqx. **Jikkonferma illi ma kienx ihalli flus id-dar**, u jekk kien jinqala xi haga hu kien imur dak il-hin.

In ***kontro-ezami,*** l-intimat  mistoqsi jekk dakinhar li refa' jdejh fuq martu kienx ukoll sawwat lill-minuri ME ghaliex kienet waqghet il-halib, u l-attrici kienet talbitu jieqaf milli jsawwat lill-minuri, u spicca jsawwat lill-attrici, cahad dan kollu. Jinnega ukoll li kien isawwat lill-minuri bil-*wooden spoon* izda jikkonferma illi waqt access f' Haz Zebbug, ta wahda lill-minuri MRE fuq il-warrani. Jinnega ukoll li uza kliem oxen fil-presenza tat-tfal minkejja li dan gie rapportat mill-Haddiema Socjali li kienu prezenti. Jikkonferma illi wara dakinhar MRE ma riedx imur iktar ghall-access. Rigward it-tifla jinsisti illi hija martu li tibqa' tbezzaha bih biex tobdi u meta tkun taf li ghamlet xi haga hazina ma tkunx trid tmur fejn tarah ghaliex tibda tahseb li ser jirrabja maghha.

Minkejja li hemm ordni li l-intimat izomm 'l boghod mill-attrici, jixhed illi huwa hbieb mal-gar tal-attrici ghaliex jahdmu flimkien. Jinsisti illi hu jiltaqgha mal-attrici, u jmur jorqod u anke johrog bit-tfal, pero jichad illi biex jaghtiha l-manteniment qieghed iggieghel lill-attrici tiltaqa mieghu bilfors u turih it-tfal.

***Ri-prodott in kontro ezami nhar it-23 ta' Settembru 2021, (vide fol 369 et seq)*** spjega illi bhalissa qieghed jahdem xoghol ta' tqieghed ta' madum, u jishaq illi jaqbad paga bejn EUR 500-EUR 1000 fix-xahar, skond kif ikun ix-xoghol. Jikkonferma illi huwa jithallas cash, u li m'ghandux kont mal-bank. Jichad illi huwa jgib il-karozzi minn barra u bieghhom. Muri id-dokument a fol 154 bil-lista ta'vetturi registrati fuq ismu, jishaq illi hu ghandu habib tieghu li jibghat il-karozzi mill-Ingilterra u jnizzilhom fuq isem l-intimat. Siehbu jaghtih xi haga tal-flus u hu jbieghhom. Jispjega illi l-prezz jiddeterminah siehbu u jibghatlu l-flus lura ma' xi habib li jkun tiela l-Ingilterra. Jixhed illi hu jikkomunika ma' din il-persuna bit-telephone. **Jinsisti illi baghtlu biss tliet karozzi u ma jafx kif hemm daqstant vetturi fuq ismu.**

Il-karozzi li jkunu ghal bejgh jitfahom fuq Malta Park biex jirriklamahom. Muri id-dokumenti a fol 326 et seq, ikkonferma illi dawn kienu jidhru fuq il-facebook page tieghu u spjega kull karozza jekk hux tieghu jew ta' terzi. Meta jirnexxilu ibiegh xi karozza, in-nies jaghtuh bejn mija u mija u hamsin ewro tali jkun sabilhom il-bejgh. Jishaq illi ilu biss xi sena jaghmel dan l-arrangament bil-karozzi. Konfrontat fil-fatt li ilu jaghmel dan is-snin, l-intimat cahad.

Mistoqsi fuq ic-*children's allowance*, l-intimat jinnega li kienu hadulhom il-flus mill-beneficcji ghaliex hu kien jiddikjara mod mad-dipartiment tax-taxxa u mod iehor mad-dipartiment tas-sigurta socjali. Jishaq illi bhala kontijiet kollox hu kien ihallas, u jikkonferma illi kienu qatghulhom id-dawl u l-ilma, ghaliex ma kellux biex ihallas. Illi jixhed illi l-istess gara mal-Melita. Jichad li kien isiefer hafna barra minn Malta. L-intimat jiftakar illi il-Community Chest Fund kienu tawhom washing machine u cooker u jikkonferma illi ghadhom id-dar matrimonjali. Jishaq illi huwa ried li t-tfal jorqdu maghhom ghaliex it-tifel kien jibki u ried li jorqod mieghu ghaliex it-tfal ghandhom kamra ghalihom bl-*air condition* b'kollox. Jichad li kellu kamra ghalih u jinsisti illi l-kamra tieghu u l-kamra tal-attrici hija l-istess kamra. Jichad ukoll li ghandu kamra ohra li tkun imsakkra.

***L-intimat in ri-ezami nhar l-10 ta' Novembru 2021, (vide fol 383 et seq)*** gie mitlub jispjega x'sar minnhom il-karozzi indikati fit-testimonjanza precedenti. L-intimat jishaq illi dawn il-karozzi ilhom mis-sena 2011, u hu kien jixtri u jbiegh biex jipprova jaqla' xi haga minnhom, u cioe bejn EUR 100, jew EUR 150. Dawn il-flus kienu jghixu bihom hu u l-attrici. Izid illi dawn il-karozzi mhumiex karozzi moderni, imma vetturi antiki. Xi erba' karozzi minn dawk indikati kien mar bihom il-Libya, u bieghhom lin-nies hemmhekk. Illi b'kollox kien hemm xi tlieta u tletin karozza. Jishaq illi hemm xi erba' vetturi li qieghdin fuq isem hbieb tieghu, fejn ikunu ghamluha fuq ismu u jaghtuh xi haga tal-flus, filwaqt li jsuquha huma.

Rigward it-tfal sahaq illi bhalissa mhuwiex jarahom, u li t-tifla kienet qieghda tibki ghalih l-iskola. Illi filfatt mill-iskola cemplu lill-attrici biex jaraw ghalfejn it-tifla mhux tara lill-missierha.

***L-attrici in kontro-ezami nhar id- 9 ta' Gunju 2022 (vide fol 412 et seq)*** tishaq illi kien l-intimat kien ihallas kollox, ghaliex hi ma kienitx tahdem. Rigward manteniment, l-attrici stqarret illi l-intimat qieghed ihallas il-manteniment ta' bl-lura peress li ghamel hames xhur fejn ma vversa l-ebda manteniment, pero ghadu ma giex in regola. Tikkonferma illi l-intimat qieghed biss jghaddi l-arretrati u mhux qieghed jghaddi l-manteniment dovut ghax-xahar partikolari. Mistoqsija jekk l-intimat kienx izomm dixxiplina sabiex id-dar tibqa fi stat tajjeb, l-attrici tishaq illi il-post li kienu jghixu fih ma kienx fi stat tajjeb, stante li lanqas kamra tas-sodda ghall-minuri ma kellhom. Izzid illi l-intimat kien jikkoregihom bil-*wooden spoon* u kien jaghtihom biha fuq idejhom jew fuq saqajhom. Mistoqsija ghalfejn damet daqshekk biex hadet

passi legali, sostniet illi hija qatt ma riedet li jaslu s'hawn, anke peress li hi gejja minn familja b'genituri separati, u dejjem riedet li lit-tfal taghha trabbihom f'ambjent ta' familja u huwa ghalhekk li hija baqghet tipprova. Izzid illi hi kienet ghamlet zmien konsiderevoli hafna *in denial* u ma kellhiex vizjoni cara. Meta imbaghad giet rinfacciata b'decisjoni fejn jew titlaq mid-dar jew johdulha lit-tfal, ghazlet lit-tfal, alavolja hi kienet thobbu lil zewgha.

Tishaq illi l-ahhar darba li iltaqghet mieghu kien fil-21 ta' Ottubru tas-sena l-ohra meta kienu iltaqghu jiehdu kafe wara li gie sospiz l-access. Izzid illi dakinhar kienet niezla hafna xita, u l-intimat baqa jdur biha fil-karozza sa ma waslu Santa Venera, u dakinhar kellha rapport mieghu. Illi minn dakinhar 'l hawn ghalhekk damet hames xhur minghajr manteniment, ghaliex ma kienitx qieghda tiltaqgha mieghu, peress li biex jaghtiha l-manteniment kienet kostretta ikollha rapport intimu mal-intimat.

***Ri-prodotta nhar is-27 ta' Ottubru 2022, (vide fol 434 et seq) in kontro-ezami,*** l-attrici spjegat illi l-minuri MRE bhalissa qieghed fi program jismu KIDS, u hi ghandha access nhar ta' Sibt u Hadd, fejn igibu d-dar u jaghmel gurnata maghhom. Tixhed illi MRE kellu bzonn jidhol f'dana l-programm minhabba ghemilu, u qieghda tahdem id f'id mac-*Child Protection*. Tispjega illi l-*Care Order* inharget mhux ghax hadulha lit-tifel, ghaliex it-tifel dahal f'dan il-program b'mod volontarju, ghaliex hekk kien hemm bzonn, ghaliex meta l-minuri ikunu taht C*are Order*, il-professjonisti li jiehdu hsiebhom ikunu jistghu jahdmu ahjar. Izzid illi iktar ma beda jghaddi z-zmien il-problemi tal-minuri aktar bdew jiggravaw. It-tifel kien jara terapista kull gimgha, u tsipjega illi din it-transition ma gratx millum ghal ghada.

Rigward tbengil, l-omm tispjega illi bhalissa l-iskola qieghed isir bullying mat-tifla pero kien hemm darba fejn it-tifla kellha l-SAV u kellhom jigu ghaliha biex johduha, izda t-tifla ma riditx tidhol tinhasel, u l-omm dahhlitha fil-banju u qabditha minn idejha.

***L-attrici ri-prodotta nhar is-16 ta' Jannar 2023 in kontro-ezami (vide fol 433A et seq),*** tikkonferma illi l-intimat kien jipprovdi ghall-familja ghaliex hu kien jahdem u hi kienet tiehu hsieb lit-tfal. Tixhed illi t-tfal minn dejjem kellhom *challenging behavior* minhabba dak li kienu jaraw pero' fid-dar l-intimat kien impona certu regoli fejn il-minuri ma setghux juzaw *play dough*, ma setghux juzaw kuluri, u dan ghaliex ma riedx li b'xi mod ipengu mal-hajt. Izzid illi hi kellha timxi mar-regoli tieghu ghaliex meta hi ma kienitx timxi mar-regoli tieghu, kien

ikun hemm argumenti mod iehor fejn l-intimat kien jghajjat maghha ghaliex ma tkunx semghat minnu.

Mistoqsija ghalfejn hi kienet tmur lura d-dar matrimonjali kull darba, l-attrici tishaq illi hi dejjem riedet li l-ulied jitrabbew ma' zewg genituri, u li tali decisjoni mhiex wahda li taghmilha mill-lum ghal ghada. Izzid kien biss wara li attendiet ghal xi korsijiet li saret konsapevoli illi dan mhuwiex dejjem possibbli specjalment fejn m'hemmx ambjent san. Illi sussegwentement kienu anke gew involuti tac-child protection. L-attrici tikkonferma illi huwa MRE li qieghed fi program residenzjali u dan huwa konsegwenza tal-passat vjolenti li trabbew fih il-minuri. Tikkonferma illi t-tifla ghadha tghix maghha u li t-tifla tixtieq li tqatta' hin ugwali maz-zewg genituri. L-attrici tikkonferma illi t-tifla qattghet hamest ijiem shah mal-missier. Illum it-tifla waslet biex taghlaq hdax-il sena.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba adulterju, abbuz, vjolenza, eccessi, minaccji, theddid u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha.

L-adulterju wkoll huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, il-Kodici Civili f'artikolu 38 jistipula:

> ***Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".***

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l- kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iltagqhu f'*grocery store* f' Santa Venera u wara gherusija qasira, izzewghu nhar id-29 ta' Lulju tas-sena 2011 u dana kif jirrizulta mic-certifikattaz-zwieg a fol 7 tal-atti. **L-attrici kellha biss sittax (16)-il sena dak iz-zmien**. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, ME li twieldet f'X u ghandha circa X sena, u MRE li twieled f'Y u llum ghandu circa Y snin.

***Htija ghat-tifrik taz-zwieg***

Illi wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha in atti, din il-Qorti tqis illi huwa l-agir tal-intimat li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Illi minkejja dak rilevat mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, din **il-Qorti taghraf illi l-provi juru li z-zwieg tal-partijiet kien wiehed karatterizat minn *vjolenza sistematika u kontinwa ta' kull tip perpetrata mill-intim*at** fuq il-persuna tal-attrici mill-bidu nett.

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti taghraf illi l-insistenza da parti tal-intimat biex il-partijiet jizzewgu ma kienitx xprunata minn imhabba, u affezzjoni lejn l-attrici izda biss mix-xewqa tieghu li

jfittex jikseb cittadinanza Maltija. L-intimat approfitta ruhhu mill-genwinita u l-eta' zghira tal-attrici, li kienet intilfet warajh kompletament, sabiex huwa jkun jista' jibqa' jirrisjedi Malta u eventwalment jikseb cittadinanza Maltija. Illi filfatt kif xehdet l-attrici, il-ksib o meno tac-cittadinanza Maltija da parti tal-intimat kien iqanqal hafna divverbji bejn il-partijiet. Illi sussegwentement il-manipulazjoni tal-intimat, bdiet b'mod sottili fejn ma kienx japprova certu ilbies, ma kienx ihalli lill-attrici tilbes certu zraben, u lanqas ma kien ihalliha taghmel make-up ghaliex inkella ma kienx ser johrog maghha, jew jaghmel granet shah ma jkellimhix. Illi filfatt din il-Qorti tosserva illi t-theddid dejjem kien arma b'sahhitha kontra l-attrici. Illi minn naha l-ohra hu kellu l-liberta' kollha li jkellem nisa ohra anke fil-presenza ta' martu waqt li jikkorrispondi ma' nisa ohra minn wara dahar martu, minkejja li l-attrici kienet kontinwament tikkonfrontah fuq dan. Illi f'dan il-perjodu, din il-Qorti osservat ukoll kif l-intimat beda jizola lill-martu mill-familjari taghha u jimpediha milli tkellimhom u ma ppermettilhomx jigu d-dar taghhom. Rat ukoll kif l-attrici kienet michuda milli jkollha c-cavetta tad-dar, mezz iehor ta' kontroll estrem tal-intimat fuq l-attrici li kkonstringiha tibqa' d-dar.

Illi mat-trapass taz-zmien l-attrici spjegat illi l-vjolenza bdiet aktar tizdied u tiggrava. Illi mix-xhieda prodotta irrizulta b'mod palezi illi fiz-zwieg tal-partijiet kien hemm abbuz fiziku, ekonomiku u finanzjarju sostanzjali, aspett li l-intimat baqa' juza anke tul il-proceduri ta'separazzjoni bhala ghodda propju ghaliex kien jaf illi l-attrici kienet disposta li taghmel anke dak li ma tridx basta jkollha l-flus biex titma lil uliedha. Illi dan gie kkonfermat minn JennyLynn Zammit in rapprezentanza tal-Malta Community Chest Fund li xehdet nhar it-3 ta' Dicembru 2019 (vide fol 62 et seq) fejn fix-xhieda taghha spjegat illi meta huma ghamlu home visit fir-residenza tal-partijiet, huma raw li din ir-residenza kienet nieqsa mill-aktar affarijiet bazici tant li apparti l-forn u l-washing machine, huma kienu anke ghaddewlha sensiela ta' *food vouchers* sabiex tkun tista' taghmel xi xirjiet bihom. Din il-Qorti rat ukoll illi din it-tip ta' vjolenza giet riskontrata mill-professjonisti anke fuq it-tfal, meta il-minuri waqt l-access supervizjonat kienu joqghodu ifittxu fil-kartiera tal-intimat sabiex jaraw jekk ghandux flus. Illi l-kwistjoni tal-flus kienet ukoll kwistjoni li kienet tigi mqajma ta'spiss mill-minuri ma' missierhom.[1] **Din il-Qorti rat ukoll illi kif ammetta ex-admissis l-intimat stess, huwa ma kienx ihalli flus id-dar ma' martu, u meta kien jinqala xi haga kien imur lura d-dar.** [2]

[1] Vide rapport datat 7 ta' Frar 2020 prezentat 2 ta' Marzu 2020.
[2] Vide xhieda intimat nhar il-21 ta' Lulju 2021 (vide fol 361 et seq)

Illi din il-Qorti taghraf illi dana l-abbuz finanazjarju sfuma f'diversi forom ta' abbuz iehor, fosthom dak fiziku, psikologiku u anke sesswali, kemm waqt iz-zwieg u anke tul il-proceduri ta'separazzjoni.

Din il-Qorti semghat kif kien biss wara hafna zmien li l-attrici intebhet bil-manipulazzjoni u l-kontroll assolut li l-intimat kellu fuqu. Illi kif xehdet ***Anna Borg Bartolo, psikologa, nhar it-13 ta'Frar 2019, (vide fol 86 et seq)*** kien evidenti ghall-professjonisti illi l-attrici kienet qieghda tesebixxi sinjali li hija subit vjolenza psikologika ta' manipulazzjoni u ta' kontroll u dan minkejja li hi ma kienitx titkellem b'mod apert fuq dak li ghaddiet minnu. Ix-xhud in kontro-ezami ghaddiet biex tispjega illi dawn it-tip ta'relazzjonijiet huma bhal *addiction,* u dejjem ikun hemm dik l-attrazzjoni. Illi ezempju car iehor tal-manipulazzjoni tal-intimat hija ukoll evidenti mid-drabi kollha li minkejja episodji ta'vjolenza fizika konsiderevoli,u minkejja id-drabi kollha li l-attrici ghazlet li tidhol f'*shelter*, l-attrici xorta wahda kienet tmur lura d-dar hekk kif l-intimat kien illissen l-inqas weghda jew jaghmel xi gest li juri tama ta'bidla fil-karattru tieghu.

Illi din il-Qorti ma tistax ma temminx il-versjoni tal-attrici meta il-haddiema socjali stess li kienu inkarigati mill-access b'supervizjoni indikaw huma stess li b'ghajnjehom raw lill-intimat anke jkun fizikament aggressiv ma' uliedu stess u llum il-gurnata l-imgieba u l-attitudni tal-intimat missier qieghda tigi riflessa fl-agir u l-imgieba taz-zewg minuri kemm versu ommhom u kif ukoll versu terzi. Illi fil-fehma konsiderata ta'din il-Qorti, dan mhuwa xejn hlief prova cara u indelibbli tal-vjolenza kollha li subit l-attrici u li subew il-minuri fuq il-persuna taghhom stess. Illi din il-Qorti semghat b'diversi episodji fejn il-minuri kienu vitmi diretti tal-vjolenza u l-aggressjoni tal-intimat missierhom, u kif il-minuri kienu jirrakontaw dak li kien gara lill-haddiema socjalu u lill-professjonisti l-ohra li iltaqghu maghhom tul dawn il-proceduri. Tul il-mori din il-Qorti rat illi l-intimat kien jiddixxiplina lill-minuri bil-vjolenza u bil-biza' u minkejja li attenda programmi sabiex jitghallem irazzan ir-rabja eccessiva tieghu permezz tal-Ordni ta' Trattament mahrug fil-konfront tieghu fi proceduri kriminali, l-intimat qatt ma biddel ghamiltu, la versu martu, u wisq anqas versu uliedu. Illi apparti il-vjolenza li l-minuri subew minghand missierhom, din il-Qorti, kif xehdu l-haddiema socjali inkarigati mill-access b'supervizjoni, rat illi kliem dispregattiv tal-intimat, b'mod specjali versu l-minuri MRE kellu effett profond fuq l-istess minuri.

*Il-Qorti rat illi l-intimat sahansitra hedded lill-attrici li jekk ma jkollhiex rapport intimi mieghu, ma kienx ser jivversa manteniment.* L-attrici ammettiet li kienet kostretta taghmel dan ghaliex it-tfal jibqghu bil-guh. L-intimat kien mastru ta vjolenza domestika, ta' manipuazzjoni u ta' umiljazzjoni estrema.

L-agir estrem tal-intimat kien jikkonstringi lill-attrici, illi minkejja l-ordni ta' access taht supervizjoni, kien ikollha ccedi u turih lit-tfal kif u meta irid hu. Illi dan il-fatt, minkejja li l-intimat cahad dan kollu fix-xhieda tieghu, gie kkoraborat mill-ufficjali tad-Direttorat li meta kienu jitkellmu mal-minuri il-minuri kienu jghidulhom minghajr tlaqliq li kienu ghadhom kif kienu ma' missierhom f'dak il-post u fit-tali gurnata. [3] Illi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi t-testimonjanzi tal-haddiema socjali u tal-professjonisti jitkellmu wahedihom, bhal ma jitkellmu wahidhom id-diversi rapporti esibiti mill-ufficjali fi hdan id-Direttorat.[4] Illi kif gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet: **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

"***M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza.***

Illi din il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba pepessima, abbuziva u umiljanti daparti tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, u tenut kont tal-provi kollha in atti, tqis illi l-vjolenza fizika, finanzjarja u emozzjonali, sesswali u psikologika ipperpetrata mill-intimat kontra r-rikorrenti u uliedu jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattiraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 u tal-Artikolu 51 sa 55

[3] Vide rapport prezentat nhar l-1 ta' Ottbru 2020, u datat 7 ta' Settembru 2020 fejn irrizulta li l-minuri kien qed ikollhom access mal-missier minghajr supervizjoni.

[4] Vide rapport datati: apport: datat 8 ta' Jannar 2020 rilaxxat minn Adriana Grech u Andreana Gellel fejn gie indikat illi l-intimat ta' daqtejn bis-sahha lill-minuri MRE fuq il-warrani u dak datat 11 ta' Novembru 2019 rilaxxat minn Kay Gauci u rapport tad-Direttorat datat 2 ta'Marzu 2020.

tal-Kodici Civili, u ghalhekk qed jigu applikati in toto kontra l-intimat l-effetti tal-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Din il-Qorti tosserva illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ghandha *in vigore.*

***Dar Matrimonjali:***

Illi mill-provi prodotti hua l-intimat illi kien u ghadu jabita fid-dar matrimonjali tal-partijiet, liema residenza hija soggetta ghall-kirja. Illi prezentement l-attrici flimkien mal-minuri bint il-partijiet qieghdin jirrisjedu f'fond taht titolu ta' kirja f'Birzebbuga, filwaqt li l-minuri iben il-partijiet jaghmel parti mill-programm residenzjali tal-KIDS, b'dana illi l-minuri jmur iqatta' l-weekend ma' ommu u ohtu.

Illi fit-testimonjanza tieghu l-intimat spejga illi huwa mhuwiex ser jibqa' jabita fid-dar matrimonjali u dana stante li sid il-kera ser jkun qieghed jawmenta l-kera izda minkejja li l-intimat kien obbliga ruhu li jipprezenta dokumentazzjoni relattiva ghad-dikjarzzjonijiet minnu maghmula, baqa' ma pprezenta xejn minn dan. Din il-Qorti tosserva illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici tishaq illi hi ma tridx li tmur tirrisjedi fid-dar matrimonjali u ghalhekk m'ghandha l-ebda pretensjonijiet f'dana ir-rigward. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tawtorizza illi l-intimat ghandu jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali.

***Mobbli fid-dar Matrimonjali:***

Din il-Qorti taghmel referenza ghat-testimonjanza ta' JennyLynn Zammit li in rapprezentanza tal-Malta Community Chest Fund xehdet nhar it-3 ta' Dicembru 2019 (vide fol 62 et seq) u spjegat illi huma kienu provdew lill-partijiet b'*washing machine*, u *oven gas cooker*, godda, u liema *appliances* liema kienu thallsu mill-*Community Chest Fund.* Illi fit-testimonjanza tieghu l-intimat sahaq illi dawn l-*appliances* ghadhom fid-dar matrimonjali u li hu kien sahansitra xtara *washing machine* gdida. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tordna illi l-forn/cooker u l-*washing machine* ghandhom jigu assenjati lill-attrici fl-intier taghhom u tordna illi dawn ghandhom jinghataw lill-attrici fi zmien hmistax fid-data ta' din is-sentenza. Illi fin-nuqqas l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' EUR 185 u EUR 192, total ta' EUR 377 lill-attrici,

rapprezentanti valur tal-imsemmija washing machine u oven gas, skond l-ircevuti f'dokument JZ1.

***Vetturi:***

Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta (vide fol 125 et seq) xehed nhar l -10 ta' Lulju 2019 u spjega illi ma rrizultaw l-ebda vetturi fuq isem l-attrici la fil-passat u lanqas fil-prezent, mentri fuq il-konvenut instabu sensiela ta' vetturi kif jirrizulta mid-dokumenti EET1, u EET2. Illi l-istess Stephen Cachia ri-prodott nhar it-3 ta' Dicembru 2019, (vide fol 53 et seq tal-faxxikolu) spjega illi d-dokument SC1 li jindika il-vetturi li ghadhom registrati fuq isem l-intimat, illi ghal kull vettura hemm indikat ukoll id-dettalji rispettivi u anke l-insurance.

Da parti tieghu l-intimat in kontro-ezami nhar it-23 ta' Settembru 2021 (vide fol 369 et seq) **cahad illi huwa jgib il-karozzi minn barra u bieghhom**. Meta kien muri id-dokument a fol 154 bil-lista ta'vetturi registrati fuq ismu sahaq illi hu ghandu habib tieghu li jibghatlu il-karozzi mill-Ingilterra u jnizzilhom fuq isem l-intimat. Siehbu jaghtih xi haga tal-flus u hu jbieghhom. Jispjega illi l-prezz jiddeterminah siehbu u jibghatlu l-flus lura ma' xi habib li jkun tiela l-Ingilterra. Jixhed illi hu jikkomunika ma' din il-persuna bit-telephone. **Jinsisti illi dawn kienu biss tliet karozzi u ma jafx kif hemm daqstant vetturi fuq ismu**. Zied jispjega illi il-karozzi li jkunu ghal bejgh jitfahom fuq Malta Park biex jirriklamahom. Muri id-dokumenti a fol 326 et seq, ikkonferma illi dawn kienu jidhru fuq il-facebook page tieghu u meta jirnexxilu ibiegh xi karozza, in-nies jaghtuh bejn mija u mija u hamsin ewro (Eur 100-150) tali jkun sabilhom il-bejgh. Jishaq illi ilu biss xi sena jaghmel dan l-arrangament bil-karozzi. Meta konfrontat bil-fatt li ilu jaghmel dan is-snin, l-intimat cahad din l-allegazzjoni. Fl-istess testimonjanza u cioe dik tat-23 ta' Settembru 2021, **l-intimat xehed ukoll illi l-BMW u u l-Van CS4 huma tieghu personali,** u zied illi l-BMW 320D, CLD012 biegha ghal hamest elef ewro (EUR 5,000).

Mid-dokumenti *a fol 326 et seq* u cioe id-dokumenti mmarkati Dok CS1-CS12, jindikaw sensiela ta' screenshots mill-facebook profile tal-intimat, fejn l-intimat kien qieghed jirriklama l-bejgh tal-vetturi indikati f'pagna 25 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici. Illi din il-Qorti tosserva illi hafna milll-prezzizijiet indikati mill-attrici, huma effettivament il-***prezz li kien qieghed jintalab*** mill-intimat ghall-vetturi rispettivi. Din il-Qorti rat illi Dr Nadia Vella in rapprezentanza tal-Mapfre plc (vide xhieda tat-18 ta' Frar 2020 a fol 162 et seq) spjegat illi

hija mhiex f'pozizjoni li taghti valur ghaliex il-vetturi kollha kienu assigurati fuq bazi *third party*. Illi da parti tieghu, l-intimat ma ghamel l-ebda sottomissjonijiet ghar-rigward fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Illi mid-dokument SC1 a fol 74 jidher illi fil-prezent ghad hemm tlettax- il vettura li ghadha registrata fuq isem l-intimat, b'dana illi erba' minn dawn huma *garaged* u tlieta huma indikati bhala *scrapped.*

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi x-xhieda tal-intimat fir-rigward tal-vetturi hija ghal kollox inveritiera u jidher bic-car li l-intimat qed jiggestixxi bi profit konsiderevoli il-*business* ta' bejgh ta' karozzi u li ilu jaghmel dan ghal zmien sostanzjali. Fic-cirkostanzi u in vista tal-fatt illi huwa palezi illi l-intimat dejjem hallha lill-attrici nieqsa mill-flus, tordna illi l-intimat ghandu jirrimborsa lill-attrici, *arbitrio bon viri* is-somma ta' hmistax-il elf Ewro, (EUR 15,000.)[5]

***Kontijiet Bankarji:***

Illi kif jirrizulta mill-atti, hemm diversi kontijiet bankarji li huma intestati f'isem l-attrici. Illi ghalkemm mid-dokumenti esebiti jdiher illi fil-passat l-intimat kellu xi kontijiet bankarji intestati f'ismu, dawn kienu inghalqu u filfatt kif xehed l-intimat stess, huwa m'ghandux kont il-bank u jithallas ghas-serviziz tieghu permezz ta' flus kontanti. Il-Qorti tosserva illi l-intimat m'ghamel l-ebda accenn u ma indika l-ebda tip ta' pretensjoni fil-konfront tad-depoziti fil-kontijiet bankarji intestati f'isem l-attrici.

[5] Illi l-Qorti waslet ghal dan il-valur tenut kont tas-segwenti u cioe: Peugout Expert 2007 prezz indikat mill-intimat fuq facebook post EUR 5,500(vide dok CS1); BMW 320D, skond comment fuq il-post fuq il-facebook profile tal-intimat intalab prezz ta' EUR 9,200; Van Isuzu fix-xhieda indikat bhala mibjugh ghall-prezz ta' EUR 6000; BMW2 Series, ma gie xindikat prezz mill-intmat, Hyundai bieghu ghal EUR 1000, u BMW 320D bieghha ghall EUR 5,000. Dawn jammontaw ghal EUR 26,700. Illi di piu din il-Qorti rat illi l-intimat kien jaqla' commissions fuq kull bejgh ta' vettura. Illi stante xi valuri minn dawk indikati huma l-prezzijiet li talab l-attur u mhux necessarjament il-prezz patwit, din il-Qortu ghalhekk waslet ghall-valur kumplessiv u approssimattiv ta' EUR 30,000 b'dana illi l-attrici hija intitolata ghal nofs.

Illi minn ezami tal-bank statements [6] esebiti, jidher illi l-attrici kienet effettivament tippercepixxi biss beneficcji socjali, liema beneficcji kienu jigu depozitati direttament fil-kont taghha. Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti sejra tassenja l-kontijiet bankarji kollha intestati f'isem lill-attrici lill-attrici.

Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumiha.

***Kura u Kustodja ta' ulied il-partijiet***

F'dan ir-rigward l-attrici qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri ahwa Gumaa Faraj Ebderi.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri***. [7] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[8] intqal:

> ***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta l-jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

---

[6] Mari Demanuela in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta (vide fol 126 et seq) xehdet nhar l-10 ta' Lulju 2019, u esebit erba' dokumenti li gew imarkati minn Dok ESC1 sa Dok ESC4.

[7] Enfazi tal-Qorti.

[8] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[9],*** il-Qorti kienet qalet illi:

***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[10] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[11]

***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud[12]*** fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

[9] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[10] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[11] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[13]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[14]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[15]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

[13] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[14] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[15] Enfazi tal-Qorti.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[16] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

Illi din il-Qorti rat **illi permezz ta' digriet *pendente lite* fl-atti tal-Medjazzjoni bin-numru 861/2017 datat 21 ta' Lulju 2017, kien ordnat illi il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkunfdata esklussivament f'idejn l-attrici.** Illi din il-Qorti rat ukoll illi hemm **Ordni ta' Protezzjoni mahruga mill-Qorti tal-Magistrati**.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti u l-konsiderazzjonijiet maghmula taht is-sezzjoni intestata "Htija ghat-tifrik taz-zwieg", din il-Qorti tordna illi l-attrici ghandha tkun vestita bil-kura u kustodja **esklussiva** tal-minuri, b'dana illi l-attrici omm qieghda tigi awtorizzata li tiehu kwalsiasi decisjoni, **straordinarja kif ukoll ordinarja** relatata mal-minuri **wahedha minghajr il-htiega ta' kunsens, firma jew presenza tal-intimat,** u dana fl-ahjar interess tal-minuri. Illi fl-eventwalita' li l-minuri MRE jerga' jigi fdat fil-kura tal-genituri, il-kura u kustodja tal-imsemmi minuri MRE ghandha tkun vestita b'mod esklussiv f'idejn l-attrici omm. Illi din il-Qorti tordna illi r-residenza tal-minuri ghandha tkun mal-omm, b'dana illi d-domicilju u residenza abbitwali tal-minuri ghandha tkun Malta.

Fir-rigward tal-access, din il-Qorti tinnota illi waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu tas-sena 2023, (vide verbal a fol 457) gie ordnat illi l-access taht supervzjoni tat-tifla minuri tal-kontendenti ma jhsehhx fil-bini tal-Appogg izda li jsir fil-pjazza ta' Rahal Gdid fil-kumpless imsejjah Main Street u dana provizorjament minhabba d-diffikultajiet riskontrati u li bihom gew infurmati l-avukati difensuri tal-partijiet.

[16] Enfazi tal-Qorti.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tordna illi l-access tat-tifla minuri ghandu jibqa’ jsehh hekk kif indikat fid-digriet moghti seduta stante fl-udjenza tal-1 ta’ Marzu 2023, darba fil-gimgha ghal erba’ (4) sieghat, b’dana illi l-access tat-tifel minuri ghandu jibqa’ sospiz. Illi di piu din il-Qorti tordna illi l-access jew is-sospensjoni tal-istess ghandha tigi riveduta mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal perjodikament u ghandu jigi varjat biss fl-ahjar interess tal-minuri.

***Manteniment ghal ulied il-partijiet:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***“Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta’ dan il-Kodici.”***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b’hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta’ min jitolbu u l-meżżi ta’ min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort’ oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta’ xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta’ min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Illi din il-Qorti rat illi fil-mori tal-medjazzjoni bin-numru 861/2017 din il-Qorti kif diversament preseduta permezz ta' digriet datat 21 ta' Lulju 2017 ordnat lill-intimat jivversa s-somma ta' hames mitt Ewro (EUR 500) fix-xahar, ghaz-zewg ulied minuri, u liema somma tinkludi l-kontribut tal-intimat ghall-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni. Mix-xhieda tal-attrici din il-Qorti rat illi effettivament l-intimat qatt ma vversa dana l-ammont fl-intier tieghu tant li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-intimat. Filfatt l-intimat ghamel xhur jivversa is-somma ta' tlett mitt Ewro (EUR 300) fix-xahar biss minflok hames mitt Ewro (EUR 500) kif ordnat.

Illi kif rilevat aktar l' fuq, din il-Qorti rat kif l-intimat b'mod sistematiku kemm waqt iz-zwieg u kif ukoll tul il-proceduri ta'separazzjoni ssottopona lill-attrici ghall-abbuz finazjarju kostanti li kisser lill-attrici kemm fizikament u emozzjonalment, tant illi l-attrici kienet kostretta ikollha rapport mal-intimat bhala kondizzjoni ghall-hlas ta' manteniment. Illi din il-Qorti hija konvinta illi minkejja dak li xehed l-intimat fir-rigward l-introjtu tieghu, l-intimat ghandu introju ferm akbar minn dak minnu indikat, tant li meta rinfaccat bi proceduri kriminali u bil-possibilita' li jintbaght il-habs, il-hlas tal-manteniment dovut sar fil-pront. Illi ukoll din il-Qorti hija konvinta illi minkejja dak rilevat mill-intimat fix-xhieda in kontro ezami tieghu nhar 23 ta' Settembru 2021, l-intimat ghandu wkoll introjtu iehor mill-bejgh tal-vetturi.

Illi din il-Qorti thoss illi filwaqt li huma minnu li l-ispejjes taghha ormai zdiedu, din il-Qorti taghraf ukoll illi fil-prezent il-minuri MRE mhuwiex qieghed jirrisjedi mal-attrici u ghalhekk il-bzonnijiet giornarjeli tal-minuri huma a karigu tal-Istat. Illi pero' din il-Qorti taghraf illi xorta wahda hemm bzonn li l-genituri jaghmlu tajjeb ghall-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni, u dan apparti ghall-ispejjes inkorsi mill-attrici meta l-minuri MRE jkun maghha kull weekend.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti tordna illi l-manteniment ghall-minuri ME ghandu jkun fl-ammont ta' EUR 350 fix-xahar l-liema ammont jinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni, filwaqt li l-intimat qieghed jigi ordnat jivversa s-somma ta' EUR 250 fix-xahar bhala kontribut tieghu versu t-trobbija tal-minuri MRE. Illi fl-eventwalita' li MRE jirritorna jirrisjedi mal-attrici, il-manteniment ghall-imsemmi minuri ghandu jawmenta fl-ammont ta'

EUR 350 kull-xahar. Illi din il-Qorti tordna illi l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sal-eta stipulata fil-ligi u cioe sakemm il-minuri jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess jibqghu jistudjaw u ma jahdmux fuq bazi full-time. Il-manteniment ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici u ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi.

Illi fir-rigward l-arretrati  ta' manteniment u spejjes dovuti din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas l-arretrati ta' manteniment u spejjes fl-ammont ta' EUR 9,400. (Vide annex 1 Fol 506).

***Manteniment ghall-Attrici:***

Il-Qorti rat illi l-attrici flimkien mat-talba ghall-manteniment ghall-ulied il-partijiet, resqet talba ghall-manteniment ghaliha nnifisha. Filwaqt illi din il-Qorti taghraf illi gie ribadut mill-professjonisti illi minhabba t-trawma li ghaddiet minnu l-attrici, u anke c-*challenging behavior* tal-minuri, huwa difficli ghaliha biex tohrog tahdem, din il-Qorti tosserva illi tali testimonjanzi inghataw fil-bidu tal-proceduri odjerni. Filwaqt li din il-Qorti rat illi l-attrici ghadha qieghda tinghata terapija, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi jehtieg li kemm jista' jkun l-attrici ma tibqax finanzjarjament dipendenti fuq l-intimat anke ghall-bzonnijiet personali taghha u li tohrog tahdem ghandha sserviha bhala sfida anke jekk tahdem fuq bazi part-time. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tordna illi l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' EUR 250 bhala manteniment ghall-attrici martu ghas-sena li gejja b'dana illi tul din is-sena l-attrici ghandha titharreg f'certu hiliet bil-prospettiva illi hija ghandha ssib impjieg fil-futur prossimattiv.

Illi ukoll din il- Qorti jidhrilha illi ghandha tirriserva d-dritt tal-attrici li hija ddur fuq zewgha ghall-manteniment f'kaz li ma tkunx tista' tahdem jew titlef l-impjieg taghha u dana fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward tar-ragunijiet ghat-tkissir taz-zwieg, attribwibbli esklussivament lill-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza**

**lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizza taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine;**

2. **Tilqa' it-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri ME u MRE ahwa E esklussivament lill-attrici omm, b'dana illi l-minuri ghandhom ikomplu jirrisjedu mal-omm. Illi din il-Qorti tawtorizza lill-attrici omm tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug u tigdid ta' passaporti tal-minuri, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma, kunsens jew presenza tal-konvenut;**

3. **Tilqa' it-tielet talba attrici u tordna ir-residenza primarja tal-minuri ghandha tkun mal-omm b'dana illi d-domicilju u r-residenza abitwali tal-minuri ghandha tkun Malta.**

4. **Tilqa' r-raba talba u tordna lill-intimat jivversa s-somma ta' EUR 350 fix-xahar bhala manteniment ghal minuri ME, liema somma tinkludi sehem l-intimat mill-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni, u s-somma ta' EUR 250 fix-xahar ghall-ispejjes tal-minuri MRE. Illi fl-eventwalita' li MRE jirritorna jirrisjedi mal-attrici, il-manteniment ghall-imsemmi minuri ghandu jawmenta fl-ammont ta' EUR 350 kull-xahar. Illi din il-Qorti tordna illi l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sal-eta stipulata fil-ligi u cioe sakemm il-minuri jaghlqu tlieta u ghoxrin (23) sena, fl-eventwalita' li l-istess jibqghu jistudjaw u ma jahdmux fuq bazi full-time. Il-manteniment ghandu jigi versat direttament f' kont bankarju indikat mill-attrici u ghandu jinqata' direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneffícji socjali li jista' talvolta jkun qieghed jippercepixxi. Din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas lill-attrici l-arretrati ta' manteniment u spejjes fl-ammont ta' EUR 9,400.*****

**5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante d-decide Nru 4 sopra;**

**6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba stante d-decide Nru 4.**

**7. Tilqa' s-seba' talba u tordna illi l-Ordni ta' Protezzjoni in vigore favur l-attrici ghandu jibqa fis-sehh u ghandu jigi estiz favur il-familjari tal-attrici;**

**8. Tilqa' it-tmien talba u tiddikjara illi l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;**

**9. Tilqa' id-disa' talba kif korretta u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

**i. Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti sejra tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw fi zmien gimghatejn lill-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti;**

**ii. Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti tordna u tassenja l-kontijiet bankjari intestati fuq isem l-attrici, lill-istess attrici;**

**iii. Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumiha.**

**iv. Tawtorizza illi l-intimat jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali;**

**v. Tordna illi l-forn/cooker u l-washing machine moghtija lill-partijiet mill-Community Chest Fund ghandhom jigu assenjati lill-attrici fl-intier taghhom u tordna illi dawn ghandhom jinghataw lill-attrici fi zmien hmistax fid-data ta'din is-sentenza. Illi fin-nuqqas l-intimat ghandu jivversa s-somma ta' EUR 185 u EUR 192, u cio total ta' EUR 377 lill-attrici, rapprezentanti valur tal-imsemmija washing machine u gas oven, skond l-ircevuti f'dokument JZ1.**

vi. **Fir-rigward tal-vetturi mibjugha mill-intimat din il-Qorti tordna illi l-intimat ghandu jirrimborsa lill-attrici, *arbitrio bon viri* is-somma ta' hmistax-il elf Ewro (EUR 15,000).**

10. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar talba;**

11. **Tilqa' il hdax- il talba u tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili *in toto* u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

12. **Tilqa' it tnax – il talba u tawtorizza lill-attrici izomm kunjom xbubutha cioe C;**

13. **Tilqa' it tlettax-il talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku u tichad jew tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat fis-sens fuq indikat.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat, inkluz dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni u l-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 99/2014 RGM.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**

******** U in segwitu tar-rikors tal-attrici u permezz ta' digriet datat 29 ta' April 2024, mad-decide numru erbgha ghandhom jizdiedu s-segwenti kliem:**

**'Inoltre, il-Qorti tordna illi l-intimat jivversa is-somma taghha mitejn u hamsin euro (€250) bhala manteniment ghall-attrici martu ghas-sena li gejja,**

**b'dana illi tul din is-sena, l-attrici ghandha titharreg f'certu hilijiet bil-prospettiva illi hija issib impjieg fil-futur prossimattiv'.*****

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**